# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 30 ta' Gunju 2021**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 448/21 JVC**

**Gordon Blanco**, (detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 0266082M) bħala mandatarju specjali għan-nom u in rapprezentaza tal-assenti **George Victor Cassar** (passaport tal-istat Uniti bin-numru 645012026), **Patricia Marie Cassar** (Passaport tal-istati Uniti bin-numru 647910482), **Janet Ann Mutch** (Passaport tal-Istati uniti bin-numru 591745940) u Josephine Rita Cassar (passaport tal-Istati Uniti bin-numru 645012026) qua eredi tad-defunt George Cassar u qua proprjetarji tal-fond bin-numru '43'

gja disgha u ghoxrin (29), fi Triq is-Sirena Senglea
vs

Kurt Grech detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 0433988M)

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat bil-procedura sommarja tal-gijottina fejn ir-rikorrenti Gordon Blanco bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti li kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi din hija talba ghall-zgumbrament u qed issir a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` "bil-giljottina";

2. llli r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond li jgib in-numru tlieta u erbgħin (43) gja disgha u ghoxrin fi Triq is-Sirena, L-Isla

3. Illi l-intimat qieghed jokkupa tali fond minghajr ebda titolu validu skont il-Ligi; u kif ukoll b'mod abbuziv u illegali;

4. llli l-intimat ghalkemm interpellat sabiex jizgombra mill-imsemmi fond baqgħa inadempjenti;

5. Illi l-intimati ma jgawdu l-ebda titolu fuq l-imsemmi fond, izda sal-llum għadu jippretendi li jibqgħa jokkupa dan il-fond bi dritt, meta dan mhux il-kaz;

6. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha fil-ligi ta' tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-intimat m'ghandux titolu validu fuq l-ghalqa aktar fuq deskritta u fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimat ma ghandu l-ebda eccezzjoni x'jissoleva kontra t-talbiet ta' l-istess rikorrenti;

7. llli r-rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Jghid ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex prevja kull ordni u/jew dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l- provvedimenti kolIha opportuni :

1. Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba tal-istanti bid-dispensa tas- smigh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut intimat qiegħed jokkupa u jzomm tlieta u erbgħin (43) gja disgha u ghoxrin (29) fi Triq is-Sirena, L-isla, minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. Konsegwentament tordna lil konvenut intimat biex fi zmien qasir u perentorju kif tistabbilixxi din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet fuq esposti jizgombra mill-imsemmi fond u jikkonsenjaw c-cwievet tagħhom lir-rikorrenti;

B'riserva u minghajr pregudizzju ghal kull dritt u/jew azzjoni spettanti lir-rikorrenti ghall-hlas ta' kera u/jew danni konsegwenzjali u bl-ispejjez kontra l-intimat inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mibgħuta lil konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.'

Rat id-dikjarazzjoni guramentata, pjanta, kuntratti, prokuri, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti.

Rat illi din il-kawza gietipprezentata bil-procedura ta' giljottina ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat illi l-intimat Kurt Grech deher fis-seduta tallum u gie dikjarat bhala notifikat.

Semghet id-deposizzjoni ta' l-intimat Kurt Grech li xehed illi l-fond kien originarjament mikri lin-nanniet tieghu u sussegwentament dahlu fih il-genituri tieghu u wara baqa' hu. L-intimat Kurt Grech ikkonferma illi huwa kien jaf illi l-fond kien originarjament mikri minghand terzi u li ma kienx proprjeta' tieghu. L-istess intimat ikkonferma li huwa qatt ma hallas kera.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u konsegwentement qieset li l-intimat ma ssodisfax lill-Qorti li kellu xi eccezzjonijiet prima facie xi jressaq w'ghaddiet sabiex tilqa' l-ewwel talba attrici sabiex il-kawza tinstema bil-procedura sommarja.

Semghet lill-intimat fl-awla jikkonferma li huwa gia applika mal-Awtorita tad-Djar sabiex jinghata akkomodazzjoni alternattiva.

Fic-cirkostanzi stante li mid-dokumentazzjoni jirrizulta illi l-fond 43, Triq is-Sirena, Senglea huwa proprjeta' tar-rikorrenti u kif ukoll irrizulta mill-atti kollha illi l-intimat m'ghandu l-ebda titolu validu fil-Ligi sabiex jirrisjedi fl-istess, il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gjustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-intimat qiegħed jokkupa u jzomm il-fond tlieta u erbgħin (43) gja disgha u ghoxrin (29) fi Triq is-Sirena, l-Isla, minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-intimat sabiex fi zmien massimu ta' erba' (4) xhur millum jizgombra mill-imsemmi fond u jikkonsenja c-cwievet tieghu lir-rikorrenti.

Bir-riservi kif mitluba mir-rikorrenti u bl-ispejjez interament a karigu tal-intimat Kurt Grech.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Gunju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Gunju, 2021**